MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2003

Numru 638/2003

Il-Pulizija
(Sp Joseph Mercieca)
vs
Brian Chetcuti, iben Angelo,
imwieled Pieta' fit-23 ta'
awissu, 1980

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fl-24 ta' ġunju, 2003, għal ħabta tal-5.30 p.m. f'Buġibba –

1. volontarjament kiser il-bon ordni u il-kwiet tal-pubbliku b'għajjat, storbju u\jew għlied;
2. ħebb għal Noel Scicluna u ikkaġunalu ġrieħi ta' natura gravi skon kif iċċertifika Dr. Nicola Debono M.D. mill-isptar San Luqa;
3. inġurja jew hedded lill-istess Noel Scicluna bi kliem.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' novembru, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 216(1)(d), 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali.  Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------